twieled l-ewwel fil-kotba, u fit-taħdit ma daħal qatt. Għalhekk ma għandu ħadd jitmeżmeż minn kliem li qatt ma semgħu, minn kliem li ħadd ma jgħidu; jekk kelma tfisser tajjeb il-ħsieb tagħna għandha l-jedd kollu li tinkiteb, bla ma nħarsu jekk dik il-kelma tidħol jew le fit-taħdit. L-ilsna jimxu l-quddiem u jikbru bil-ħedma tal-moħħ, li aktar ma jaħseb aktar irid kliem ġdid biex ifisser ħsebijietu. Mela jekk irridu nkabbru lsienna, nħaddmu moħħna, nħaddmu l-kliem li għandna u nibqgħu nħaddmuh sakemm kull ħsieb li jiġina jkun jista' jitfisser bi kliem Malti.

**Sajdun.**

## FRAK BIEX MA JINTILEFX.

### IL-QAWL.

Ix-xjuħ li kellna dari
Kellhom xi qawl bħal dan:
"Assaħ kelmet il-Malti
Minn ħalfet is-Sultan".

Iżda xi nies ta' żmienna
Da' l-qawl ma jemmnux bih,
Għax il-PROGRESS għallimhom
Iduru ma' kull riħ.

3/3/32 **Dun Karm**

# IL-PRASPAR TA' ŻEŻI

*(Ġrajjiet minnhom)*

Fir-raħal tagħha jafha kullħadd u... iħobbha kullħadd. Il-lum tgħodd xi ħamsa-w-sittin sena u tista' ttawwal ħafna snin oħra: mara ta' darha, għaqlija, bieżla u meqjusa fi kliemha.

Romlot kmieni, u meta romlot kellha ħamest itfal u ieħor kien ġej: imma, billi kienet tal-ġabra u ħawtiela, għalkemm fqira, qatt ħadd ma ħammrilha wiċċha; u littfal rabbiethom kif irid Alla, u l-lum sabithom, għaliex iħobbuha bħal ma ħabbithom hi.

Billi fi żmienha Żeżi ġarrbet minn kollox—saħħa, mard, trobbija, xogħol, faqar, ferħ, għali, vistu, niket—taf tati parir fuq kollox, u billi, bħal ma għidna hi mara għaqlija, il-pariri ma ttihomx addoċċ, u lil bosta nies switilhom; għalhekk in-nies tal-ħâra qatt ma jgħaddu minn-għaliha li ma jittawwlulhiex, jew għall-inqas ma jsellmulhiex humaw-għaddejjin. Meta xi darba ma tkunx tħossha fiha u ma toħroġx, in-nies ma taqta' xejn; min dieħel, u min ħiereġ.

Darba mardet daqsxejn iebes, u marret l-Isptar. Fi ftit ġranet saret qisha *nurse* fis-sala tat-tfal: tisqihom, titmagħhom, tlibbishom, traqqadhom, tomxtilhom, tnaddafhom u x'naf jien. It-tfal draw jsejħulha "Il-mamma Żeżi", u meta ħarġet mgħaġġbin kemm bkewha.

Din il-mara għandha xejra tajba wisq: imdejjqa, tgerger waħda u ddawwar id-diskors: muġugħa, tgħajjat ajma! u tidħak: ħelwa bla tarf imbagħad meta tgħid il-praspar tagħha, li ma huma xejn taċ-ċajt u tad-daħk, imma li tgħidhom b'xi ħlieqa u toqtlok bid-daħk.

Mela darba din Żeżi kienet qiegħda fuq il-għatba taddar, bil-qiegħda, bħal ma jagħmlu aktarx in-nisa raħlin. Fejn toqgħod hi, it-triq tinferaq fi tnejn u f'dik id-daqsxejn ta' wesgħa li hemmekk tagħmel it-triq, kien hemm ħlewwa ta' għanieqa belqa, tiżżgħabel kif jagħmlu ż-żgħażagħ kollha, u din Żeżi titgħaxxaq biha u tidħak bil-mutetti tagħha.

F'daqqa waħda din l-imbierka ta' għaniqa iddur dawra mal-wesgħa, tati ġirja sa' fejn Żeżi, issul fuq riġlejha ta' wara, u kif jagħmlu l-mogħoż bejniethom, newlitilha daqqa ta' ras fuq rasha li ma ngħidlekx. L-imsejkna Żeżi waqgħet waranijiet u bil-weġgħa ntilfet; u li ma kenitx il-għajnuna għaqlija u ħafifa ta' bintha Lonza, ma kinetx tistejqer malajr.